MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 745/2006

**Maltacom plc**

**vs**

**Steffen u Anna  konjugi Mallinowski**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu 2006 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett mija u erbgha u disghin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm394.17) dovuta in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21821827, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b’l-avviz fis-26 ta’ Awissu 2006, il-konvenut Steffen Mallinowski naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk fil-konfront tieghu n-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ra li l-konvenuta Anna Mallinowski dehret fis-seduta mizmuma llum 6 ta’ Novembru 2006, u prodotta in subizzjoni ammettiet li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut minnha u minn zewgha l-konvenut l-iehor Steffen Mallinowski.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tlett mija u erbgha u disghin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm394.17) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------